MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 188/2012

**A B u C D**

**vs**

**L-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**

**b'digriet tat-13 ta' Marzu 2013 gew mahtura kuraturi deputati**

**sabiex jirraprezentaw lill-E F ; Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**u permezz ta' digriet tat-3 ta' April 2013 A B giet nominata**

**kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attuti tat-23 ta' Awissu 2012 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti, cioe' l-attrici A B u E F izzewgu fit-3 ta' Mejju 1989 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt it-tfal, Aristea and Mathias.

2. Illi fit-30 ta' Awwissu 200l 1-kontendenti sseparaw b' att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Erika Vella.

3. Illi qabel ma nfirdu legalment minn xulxin, il-kontendenti, A B u E Ingenohl, kienu ilhom jghixu separatament minn xulxin ghal madwar erba snin.

4. Illi wara illi kienu nfirdu, hekk de facto, l-imsemmija kontendenti, A B u E F, l-attrici bdiet relazzjoni mal-attur l-iehor Andrea D. Illi fit-12 ta' Jannar 2001 twieldet it-tifla Alessia Ingenohl minn din ir-relazzjoni bejn l-atturi izda l-konvenut gie mnizzel u registrat fl-imsemmi certifikat ta' twelid bhala l-missier tal-imsernmija tifla minuri.
5. Illi ghad li hija hekk imnizzla bhala wild tieghu, l-imsemmija minuri Alessia ma' hiex il-wild naturali tal-konvenut illi, kif inghid kien jghix separatament mill-attrici omrnha u kien f' impossibillita' fisika milli tikkoabita mal-konvenut u dan kif jigi muri oggettivament u lil hinn minn kull dubbju permezz ta' testijiet genetici u xjentifici;

6. Illi b'sentenza mghotija mill-Halle-Saalkreis County Court f'Berlin fil-kawza fl-ismijiet E F vs Alessia F et, gie stabbilit illi “the Petitioner is not the father of the child, Alessia Ingenohl".

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti:-

1. Previa okkorrendo bl-opera ta' Periti Teknici, u okkorendo wkoll permezz ta' dawk it-testijiet u verifiki genetici u xjentifiki kontemplati mill-Ligi u li jistghu jigu ordnati minn dina l-istess Qorti u kondotti mill-Periti Teknici tal volta nominati, tiddikjara u tiddecidi illi l-imsemmija minuri Alessia ma hijiex it-tifla naturali tal-konvenut E Ingenohl izda hija l-wild naturali tal-attur Andrea D b'mod illi ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri Alessia Ingenohl, b' mod illi r-rizultanzi tal-ewwel talba jigu korrettament u fedelment rispekkjati fl-istess certifikat tat-twelid billi, inter alia, jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, l-isem u l-konnotati kollha l-ohra tal-konvenut E Ingenohl u l-istess jigu sostitwiti b' dawk tal-attur Andrea D.

Rat il-lista tax-xhieda u n-nota ta’ dokumenti tal-atturi.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi tat-2 ta’ Mejju 2013 li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tas-6 ta’ Mejju 2013 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri Alessia Ingenohl, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun sernghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri G H, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procedirnent tal-azzjoni odjerna;

2. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi bla hsara ghal premess, sabiex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li fiz-zrnien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifla G H, A F kellha relazzjoni extramaritali ma C D, u dan ai termini tal-Artikoli 77A u 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent jrid ukoll jeghleb il-prezunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincenternent juri li l-pussess ta' stat tal-minuri Alessia Ingenohl ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 1280 tas-sena 2001;

5. Illi bla hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess rikorrent C D sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) Id-dokument tal-identita (2) l-eta tieghu meta twieldet il-minuri Alessia Ingenohl, (3) il-post tat-twelid tieghu, (4) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla Alessia Ingenohl. Tali informazzjoni hija rnehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita G H bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 1280 tas-sena 2001;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri Alessia Ingenohl a tenur tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem E Ingenohl, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri bin-numru ta' registrazzjoni prgressiv 1280 tas-sena 2001;

8. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-12 ta’ Novembru 2013 li pemezz tieghu tat l-awtorizzazzjoni taghha sabiex l-atturi jipprocedu bit-talbiet attrici u b’hekk issanat il-proceduri in vista tal-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Frar 2014 li permezz tieghu innominat lil Dr Marisa Cassar bhala espert gudizzjarju sabiex tikkonduci testijiet genetici rilevanti ghall-kawza.

Rat in-nota tal-atturi tas-7 ta’ Frar 2014 li permezz taghha gew indikati l-konnotati kollha tal-attur C D.

Rat l-affidavit ta’ Dr Marisa Cassar ipprezentat fit-3 ta’ Gunju 2014.

Rat il-provi l-ohra kollha imressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ikkjamat il-kawza ghallum

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni Attrici.**

Permezz tal-kawza odjerna l-atturi qed jitolbu li l-Qorti tiddikjara illi il-konvenut E Ingenohl ma hux missier il-minuri. Qed jitolbu wkoll dikjarazzjoni gudizzjarja illi il-missier bijologiku tal-minuri huwa l-attur C D.

**Provi.**

Il-fatti antecedenti l-kawza huma riprodotti brevement fl-affidavit tal-attrici ezebit a fol. 12 tal-process li jaqra hekk:

1. "Jiena cittadina maltija u meta ghad li domiciljata Malta, kont qeghda nghix il-Germanja, izzewwigt lill-konvenut E Ingenohl fit-3 ta' Mejju 1989 gewwa Garmisch PartenKirchen, fil-Germanja.

2. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt it-tfal, Aristea and Mathias, li llum huma it-tnejn maggiorenni, ghandhom tlieta u ghoxrin u wiehed u ghoxrin, rispettivament u li sakemm saru indipendenti trabbew mieghi.

3. Illi fit-30 t' Awwissu 2001 jiena u E sseparajna b' att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Erika Vella.

4. Illi qabel ma konna nfridna legalment minn xulxin permezz ta' dak il-kuntratt, jiena u E Ingenohl, kienu ilna qeghdin nghixu separatament minn xulxin mis-sena 1995. Fil-fatt, f'din l-epoka, E kien mar jghix il-Germanja filwaqt illi jiena ghall-ewwel bqajt Malta. Jiena bqajt Malta wahdi mat-tfal minnghajr ebda rapport mieghu.

5. Illi fis-sena 1997, jiena bdejt relazzjoni mal-attur C D. Ltqajt mieghu Malta. Wara ftit taz-zmien, bejn wiehed u iehor fil-bidu tas-sena 1998, jiena u Andrea bdejna nikkoabitaw ma' xulxin f' Malta u l-Awstrija, izda bqajna inzommu r-residenzi separati taghna billi it-tfal tieghi kienu ghadhom l-iskola. F' dik l-epoka, zewgi E kien qieghed jghix il-Germanja. Matul is-sena 2000 nahseb li rajt lil E darba wahda biss, meta gie Malta biex jara lit-tfal. Ghandi nzid, illi fis-sena 1991, wara t-twelid tat-tifel Matthias, E kien ghamel operazzjoni fejn kien steralizza ruhhu.

6. Illi fit-12 ta' Jannar 2001, allura qabel ma kont infridt legalment mar-ragel tieghi permezz tal-kuntratt illi semmejt aktar l-fuq, twieldet it-tifla Alessia mir-relazzjoni bejni u C. E gie rnnizzel u registrat fic-certifikat ta' twelid ta' Alessia bhala l-missier tal-imsemmija tifla minuri, ghalkemm ghamilt li stajt biex dan ma jigrix.

7. Illi jiena mort nghix l-Awstrija ma' C fis-sena 2001, f'Settembru, flimkien ma' Alessi, Aristea u Mathias.

8. Illi ghad li hija hekk imnizzla bhala wild tieghu, l-imsemmija minuri Alessia ma' hiex il-wild naturali tar-ragel tieghi E izda, kif ghidt hija t-tifla naturali ta' C.

9. It-tifla Andrea trabbiet mieghi u ma' Andrea u r-rapport taghha ma' Andrea huwa ovvjament dak ta' bejn bint u missier.

10. E kien istitwixxa proceduri legali gewwa l-Germanja biex jigi dikjarat illi t-tifla Alessia ma hiex il-wild naturali tieghu ghad illi giet registrata bhala bintu fic-certifikat tat-twelid malti taghha. Illi b' sentenza mghotija mill-Qorti Germaniza, senjatament il-Qorti Halle-Saalkreis County Court f' Berlin fil-kawza fl-ismijiet E Ingenohl vs Alessia Ingenohl et, gie stabbilit illi "the Petitioner is not the father of the child, Alessia Ingenohl", mar-rikors guramentat tieghi.

11. Jiena kelli naghmel dawn il-proceduri ghaliex meta pprovajt inbiddel ic-certifikat tat-twelid tat-tifla Alessia bis-sahha gejt avzata illi dan seta biss jsir b' ordni ta' Qorti Maltija."

Ix-xhieda tal-attrici hija korroborata mit-testimonjanza ta' Dr Marisa Cassar li kkonduciet it-testijiet tad-DNA fejn gie certifikat li mit-testijiet xjentifici jirrizulta li l-attur C D huwa l-missier naturali tal-minuri Alessia B D..

**Konsiderazzjonijiet.**

L-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-**artikolu 77B tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Ghalkemm il-missier naturali ma hux konvenut il-gudizzju huwa inegru peress li agixxa bhala attur flimkien mal-omm.

Mill-atti jirrizulta li dawn it-tlett rekwiziti huma sodisfatti.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur illi l-kawza hija intempestiva peress li l-atturi ma talbux minn qabel l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap 16, jigi rilevat illi l-

mertu ta' din l-eccezzjoni jinsab illum ezawrit in kwantu b'digriet tat-12 ta' Novembru 2013 il-Qorti tat l-awtorizzazzjoni taghha lill-atturi jipprocedu u b'hekk issanat il-proceduri odjerni.

Fir-raba eccezzjoni tieghu id-Direttur konvenut jinvoka l-**Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-

*(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

Mill-provi akwiziti jirrizulta li sa mill-koncepitment tal-minuri, l-attrici u l-attur kienu qed jghixu flimkien u hekk ghadhom sallum flimkien mat-tifla minuri. Ghalhekk il-pusses ta' stat tal-minuri huwa li hi bint l-atturi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur bil-mod kif fuq spjegat, tilqa' t-talbiet attrici:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-minuri G ma hiex il-wild naturali tal-konvenut E F izda hija l-wild naturali tal-attur Andrea D.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna l-korrezzjonijiet kollha mitluba fl-att tat-twelid tal-minuri Alessia b'dan illi isem u l-konnotati kollha tal-konvenut Ingenohl jigu kancellati, jigu kancellati l-kliem 'the said' u minflok jitnizzlu isem u l-konnotati kollha tal-attur D kif jirrizultaw min-nota tal-atturi tas-7 ta' Frar 2014.

3. Tordna li l-minuri G tassumi l-kunjom “B D”.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------